**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Michelle Zerafa**

**Kumpilazzjoni Numru: 1238/2013**

**Illum 25 ta' Mejju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Michelle Zerafa ta' 21 sena bint Raymond Caruana u Miriam xebba Zerafa, imwielda l-Pieta' nhar l-4 ta' Mejju 1992 u residenti gewwa 29 Triq Sant'Anna, il-Belt Valletta detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 303692M :

Talli fis-27 ta' Mejju 2013 u granet precedenti, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom liema oggett huwa telefon cellular ital-marka Blackberry ta' lewn abjad li l-valur tieghu ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li sar ghal detriment ta' Purdy Ellul u/jew persuni ohra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandhiexx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2015 mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikkunsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-fedina penali taghha li ghalkemm mhix wahda netta mhix allarmanti. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li piena karcerarja certament mhux wahda idonea .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjona migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat